# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Settembru, 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 820/21 TA**

**Oksana Volodymyrivna Solopko, detentrici tal-Karta ta' Residenza Maltija Numru 138340A**
**u**
**Aryna Tsovma, detentrici tal-Karta ta' Residenza Maltija Numru 0138343A**

**Vs**

**L-Agenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali**

**Il-Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Ligi**

**L-Avukat tal-iStat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Oksana Volodymyrivna Solopko u Aryna Tsovma (ir-rikorrenti) tat-22 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti, li huma omm u bint, kienu applikaw ghal protezzjoni internazzjonali f'Malta fit-2 ta' Frar 2016 u inghataw status ta' Temporary Humanitarian Protection (THP) mill-Ufficcju tal-Kummissarju ghar-Refugjati fid-9 ta' April 2016 skond id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 420 tal-Ligi ta' Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (c-Ċertifikati ta' l-istatus THP rispettivi taghhom bin-numri 20051 u 20052 rispettivament qed jigu hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. A**);

2. L-imsemmija status ta' THP fil-każ taż-żewġ applikanti ġie imġedda kull sena, sakemm żewġ ittri identiċi ta' '*Withdrawal of Temporary Humanitarian Protection Status'* datati 3 ta' Settembru 2021 inħarġu mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fir-rigward tagħhom. Illi l-applikanti ġew notifikati biss dwarhom fit-22 ta' Settembru 2021 (imsemmija ittri qed jigu hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. B**);

3. Illi b'effett ta' din id-decizjoni, ir-rikorrenti kellhom l-Karti ta' Residenza (bin-Numru 0138340A u 0138343A (hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. C u Dok. D** rispettivament) revokati u ghaldaqstant il-permess tagħhom li jirrisjedu f'Malta legalment ġie ukoll revokat b'effett immedjat;

4. Ir-raġunijiet għal dan l-irtirar kien u għadu kompletament infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex l-applikanti jibbenefikaw mill-istatus ta' THP għadhom jeżistu, speċjalment fir-rigward tal-istatus ta' THP mogħti lit-tifla minuri Aryna Tsovma fuq raġunijiet ta' saħħa, kuntrarjament għal dak li ntqal fl-ittra msemmija precedentament;

5. Illi d-deċiżjoni meħuda mill-aġenzija intimata hija nulla u mingħajr effett peress li d-deċiżjoni meħuda mill-imsemmija aġenzija nħarġet mingħajr ma ngħatat lir-rikorrenti opportunità li jippreżentaw sottomissjonijiet rispettivi taghhom qabel ma din id-deċiżjoni ttieħdet mill-imsemmija Aġenzija fir-rigward tagħhom;

6. Illi, inoltre, ir-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għotu u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (SL.420.07) kif emendat bl-Att XL tal-2020, li jimplimenta d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għal l-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva 2013/32/UE") ma timplimentax l-Artikolu 46 (imsejjaħ "Id-dritt għal rimedju effettiv") tal-imsemmija Direttiva, li timponi fuq l-Istati Membri l-obbligi segwenti:

   . Biex jiġi żgurat li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal jehtieg dawn li ġejjin: *(c) deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali taħt l-Artikolu 45;*

7. Illi l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tgħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtorità kompetenti tkun qed tikkunsidra

li tirtira l-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida skont l-Artikolu 14 jew 19 tad-Direttiva 2011/95. /UE, il-persuna kkonċernata tgawdi l-garanziji li ġejjin:

*a)* *li tkun informata bil-miktub li l-awtorità kompetenti tkun qiegħda tikkunsidra mill-ġdid il-kwalifikazzjoni tagħha bħala benefiċjarja tal-protezzjoni internazzjonali u r-raġunijiet għal tali rikonsiderazzjoni; kif ukoll*

*b)* *li tingħata l-opportunità sabiex tippreżenta, f'intervista personali taħt l-Artikolu 12(1)(b) u Artikoli 14 sa 17 jew f'dikjarazzjoni bil-miktub, raġunijiet għaliex ma għandhiex tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali tagħha.*

8. Illi di piu', l-Artikolu 45(3) tad-Direttiva 2013/32/UE jispecifika illi*:* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-protezzjoni internazzjonali tingħata bil-miktub. <u>Ir-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt għandhom jiġu dikjarati fid-deċiżjoni u l-informazzjoni dwar kif tiġi kontestata d-deċiżjoni għandha tingħata bil-miktub.</u>

9. Illi l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta), speċifikament il-proviso tiegħu li jgħid illi *'… ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja',* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Artikolu 17A(2)) iċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni tal-IPA li tirtira arbitrarjament l-istatus tagħhom ta' THP, jiġifieri d-dritt għal smigħ xieraq u protezzjoni minn diskriminazzjoni u aċċess għall-Qrati, u dan jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrenti.

10. Illi minkejja dan kollhu, sabiex jirriżervaw id-drittijiet tagħhom fil-liġi, fit-22 ta' Ottubru 2021, ir-rikorrenti appellaw id-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali quddiem it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex din ta' l-ewwel terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħhom li tirtira l-istatus ta' THP tal-applikanti, speċjalment fid-dawl ta' evidenza cara u sostanzjali li tinkludi rakkomandazzjonijiet minn tobba dwar il-kundizzjoni tas-saħħa tal-minuri Tvosma (li tirrikjedi li toqgħod indefinittivament fi klima Mediterranja bħal Malta) li fuqha kienet giet ibbażata it-THP (ara l-atti tat-tali appell hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. E**);

11. Illi sussegwentament, inħarġet deċiżjoni mit-Tribunal hawn fuq imsemmija fil-5 ta' Novembru 2021 fir-rigward taż-żewġ rikorrenti (annessa hawnhekk u mmarkata bħala **Dok. F**), li essenzjalment u effettivament ċaħdet l-appell hawn fuq imsemmi a bazi ili "Jirriżulta li [l-appellanti] ma għandhiex l-għażla li tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tat-3 ta' Settembru 2021, u dan b'mod partikolari minħabba li l-liġi jinibixxi [lilha] milli tappella".

Ta' min jinnota li l-imsemmija decizzjoni tat-Tribunal kienet "… *bla ħsara għal kwalunkwe rimedju li [l-appellant] jista' jkollu fil-liġi"*

12. Illi, l-azzjoni ta' l-aġenzija intimata li taggrava lir-rikorrenti tilliedi il-proviso finali ta' l-Artikolu 17A (3) ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li jispecifika illi: "*… iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 [intitolata Revoka ta', tmiem ta' jew ċħid ta' tiġdid ta' status ta' protezzjoni sussidjarja] għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-benefiċjarji ta' protezzjoni umanitarja temporanja'*, b'attenzjoni speċifika għad-dritt ta' appell mogħti bl-Artikolu 22(6) tal-istess Att lill-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jħossuhom aggravati minn tali deċiżjonijiet meħuda mill-aġenzija intimata fir-rigward tagħhom.

13. Illi inoltre, l-azzjoni surriferita mill-aġenzija konvenuta tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(4) u tal-Artikolu 22(6) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali rispettivament, li japplikaw *mutatis mutandis* għall-benefiċjarji ta' protezzjoni umanitarja temporanja, filwaqt li jinnota li:

*i.* Artiklu 22 (4) jghid: '*Persuna li l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja tagħha qiegħed jiġi kkunsidrat mill-ġdid, għandha tkun infurmata bil-miktub li l-kwalifika tagħha bħala benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja qiegħda tiġi kkunsidrata mill-ġdid, tingħata raġunijiet għal din il-konsiderazzjoni mill-ġdid u tingħata l-opportunità li tissottometti, f'intervista personali jew f'dikjarazzjoni bil-miktub, ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-istatus ta' protezzjoni sussidjarj a tagħha ma għandux jiġi rtirat',* filwaqt illi

ii. Artiklu 22 (6) jghid illi: *'Persuna li fir-rigward tagħha l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tkun irrevokat jew ċaħdet li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja, għandha tkun intitolata tappella kontra r-revoka fit-Tribunal fi żmien ġimgħa minn meta tkun ġiet notifikata bir-revoka, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 għandhom japplikaw mutatis mutandis.*

14. Illi minghajr pregudizzju, id-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija tal-Artikolu 17A (2) tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta mur kontra:

i. L-Artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jigifieri l-intitolament ta' kull persuna f'Malta għal, *inter alia, '… il-hajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi;'; u*

ii. Artikolu 39(2) tal-istess Kostituzzjoni li jgħid li, *'Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'*

15. Illi l-Artikolu 17A(2) hawn fuq imsemmi tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jmur ukoll kontra l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 17A(2) hija manifestament leziva għall-Artikolu 47 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

17. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 17A(2), imur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *audi alteram parte* u *nemo judex in causa propria* u li f'dan ir-rigward ma jistax jitqies li l-aġenzija intimata hija awtorità ġudizzjarja indipendenti u newtrali skont it-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

18. Illi di piu', dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u, inoltre ksur sfaċċat tal-libertajiet fundamentali hawn fuq imsemmija peress li l-funzjonijiet tal-aġenzija intimata f'dan il-każ jammontaw għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq;

19. Illi f'din iċ-ċirkustanza hemm inugwaljanza fl-armi u dan huwa rifless fil-fatt illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali hija meqjusa bħala finali u tittieħed fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta biss mill-awtorità intimata, filwaqt illi l-applikanti jigu miċħuda mid-dritt li tipprovdi sottomissjonijiet u tikkontesta d-deċiżjoni tal-aġenzija intimata;

**Għaldaqstant, ir-rikorrenti b'umiltà u rispett jitolbu li din l-Onorevoli Qorti tagħtihom ir-rimedji kostituzzjonali għad-dispożizzjoni tagħha u:**

1. Tiddikkjara li l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament l-Artikoli 32(a) u 39(2) u ghalhekk huwa null u bla effett in kwantu anti-kostituzzjonali;

2. Tiddikkjara li l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jikser l-Artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

3. Mingħajr preġudizzju għat-talbiet suesposti, tirreferi ghall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari dwar il-fatt li l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jikser id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali;

4. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-aġenzija konvenuta li tirtira l-istatus ta' protezzjoni umanitarja temporanja fir-rigward tal-applikanti fl-ittri identiċi mibgħuta lilhom datati 3 ta' Settembru 2021 u li bihom gew nnotifikati fit-22 ta' Settembru 2021; u

5. Tordna dawk l-atti necessarji u taghti id-direttivi kollha li tqis xierqa sabiex tizgura d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent; u li taghti kull rimedju xieraq, inkluz, minghajr pregudizzju ghal dak kollhu precitat, ir-rimedju illi permezz tieghu ir-rikorrenti jkunu jistghu jappellaw mid-decizjoni tal-Agenzija intimata sabiex tali imsemmijja decizjoni leziva tigi indirizzata;

U dan salv kull provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrila xierqa u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimati."

Rat ir-risposta tal-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali (l-intimata Aġenzija), il-Ministru tal-Intern Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi (l-intimat Ministru) u l-Avukat tal-Istat (intimat Avukat) tat-18 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. "Illi l-esponent Agenzija tirrileva s-segwenti fatti bhala dawk maghrufa lilha:

   Ir-rikorrenti huma persuni ta' nazzjonalita' Ukrena. Ir-rikorrenti Oksana Volodymyrivna Solopko kienet applikat ghal protezzjoni internazzjonali kif regolata mill-Ligi fit-28 ta' Marzu 2016 u fid-9 ta' April 2016 gie moghti lilha u lit-tifla taghha *temporary humanitarian protection* (THP) sakemm ir-rikorrenti jkunu jistghu jirritornaw lura l-Ukraina b'mod sigur jew jigu accettati gewwa pajjiz sigur. L-istess rikorrenti inghatat protezzjoni temporanja umanitarja abbazi ta *policy* interna. Illi gara illi f'April 2017 l-Agenzija senjatament fis-27 ta' Lulju 2017 kkonkludiet illi t-talba ghal protezzjoni internazzjonali ma tiffigurax fil-ligi minhabba illi l-allegazzjoni ta persekuzzjoni allegata mir-rikorrenti ma tiffigurax fid-definizzjoni tal-1951 *Geneva Convention* u lanqas kien hemm raguni biex wiehed jemmen illi r-ritorn taghhom lura fl-Ukraina kien se jisfa f'riskju serju ta' *serious harm* kif stipulat fil-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu minhabba r-raguni medika tat-tifla tar-rikorrenti kif spjegati f'dokumentazzjoni pprezentata mill-omm illi l-asthma tat-tifla marret ghal ahjar bil-klima gewwa Malta, l-agenzija harget THP lir-rikorrenti bl-intendiment illi d-dokumentazzjoni tigi aggornata kull sena.

Illi gara li fit-2 ta' Awissu 2021 l-agenzija intimata kkonsolutat mal-MedCOI (Medical Country of Origin Information) u skopriet illi l-medicinali relatati mal-ashtma tat-tifla tar-rikorrenti huma accessibli gewwa l-Ukraina liema medicinal huwa senjatament l-inhaler *Budesonide* u li qed jintuza mit-tifla. Dan it-trattament huwa accessibli fil-Kapitali tal-Ukraina, Kiev. Illi aktar minn hekk hafna mill-postijiet fl-Ukraina jesperjenzaw kwalita tajba tal-arja senjatament Kharkov u Donetsk liema positijiet ir-rikorrenti kienu stqarru illi rrisjedew (dan skont il-*Country of Origin information*). Illi mill-informazzjoni pprovduta mill-MedCOI dwar il-medicinali u l-informazzjoni provduta mill-*country of origin information* dwar il-kwalita' tal-arja gewwa l-Ukraina, l-Agenzija waslet ghal konkluzjoni illi r-rikorrenti setghu jirritornaw l-Ukraina b'mod sigur.

Illi fit-3 ta' Settembru 2021 l-Agenzija kkonfermat l-assessjar li sar dwar l-eligibilita' ghal protezzjoni internazzjonali fis-27 ta' Lulju 2017 u kkonkludiet ukoll illi illi r-rikorrenti m'ghadhomx jikkwalifikaw ghal THP. B'hekk it-THP ma gietx *renewed* u giet rtirata. Illi jidher illi r-rikorrenti gew notifikati b'din id-decizjoni fit-22 ta' Settembru 2021 (kopja tan-notifika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok '**IPA 1**')

<u>**Eccezzjonijiet Preliminari**</u>

2. Illi l-esponenti Avukat tal-Istat u il-Ministru ghall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi jecepixxu illi huma m'humiex il-legittimi kontradittturi u dan *stante* illi l-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula car u tond li kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' *asylum seekers* jaqghu taht il-Kappa tal-*International Protection Agency* kif debitament rapprezentata mill-Ufficcjal Kap Ezekuttiv tal-istess agenzija. Kwindi, dawn l-esponenti ghandhom minnufih jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandhomx ibatu ebda spejjez relatati ma' dawn il-proceduri;

3. Illi in linea prelminari ukoll jigi eccepit li rikorrenti naqsu milli jutulizzaw rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li jaghtihom il-ligi u cioe`<u> azzjoni ghal-stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv</u> ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;

4. Illi in linea preliminari ukoll l-artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni *stante* illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u cjoe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjonali. Kwindi, it-talba ghal dikjarazzjoni ta ksur fir-rigward

tal-artikolu 32(a) hija improponibbli *ab initio* u qatt ma tista tigi akkolta;

5. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu l-inapplikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u dan *stante* li l-Karta tapplika esklussivament "*ghall-istituzzjonijiet, ghall-korpi u gall-agenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinapju ta' sussidjarjeta u ghall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw ta' l-ligi tal-Unjoni...*" u dan ai termini tal-Artikolu 51(1) tal-istess Karta. Konsegwentament l-artikolu 47 mhux invokabbli fil-proceduri odjerni u ghalhekk it-talba tar-rikorrent f'dan is-sens hija improponibbli;

6. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern *stante* illi l-esponent Kap Ezekuttiv la huwa Tribunal, Bord jew Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan is-sens tali esponent m'huwiex marbut bil-proceduri konvenzjonali kif qieghed jallega l-attur;

7. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jecepixxi li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

**<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>**

8. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti jallegaw li ma nghatawx smiegh xieraq mill-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali u li d-decizjoni tal-istess Agenzija hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jistghux jinqdew bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skonthom, awtorita jew Tribunal jkunu zbaljati fid-decizjoni taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' ta' awtorita'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk awtorita' iddeciedietx b'mod tajjeb u korrett applikazzjoni. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-

rikorrenti qeghdin jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-proceduri decizi mill-Awtorita'. Fir-rikors promotur taghhom r-rikorrenti mkien ma jfissru kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qeghdin jaghmlu huwa li jikkontestaw l-mod li ddecieda l-proceduri in konfront taghhom l-agenzija u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbazat l-istess agenzija. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

9. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrenti qeghdin jlibbsu l-ilment taghhom bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-awtoritajiet. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

10. Illi l-esponent Agenzija tecepixxi illi d-dirrettiva 2013/32/EU ma taghmilx referenza ghal *temporary humanitarian protection* imma tipprovdi biss ghal protezzjoni internazzjonali (*refugee status* u *subsidiary protection*). THP hija forma ta' protezzjoni li hija regolata bil-ligi nazzjonali biss. Per konsegwenza l-artikolu 17(a) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma jista' jigi interpretat li jmur kontra d-dettami tal-imsemmija direttiva;

11. Illi l-esponent Agenzija tecepixxi illi 'Dok. F' anness mar-rikors promotur juri b'mod car illi l-Internatonal Protection Appeals Tribunal sema l-appell tar-rikorrenti u ddecieda l-istess appell fil-5 ta' Novembru 2021 u ghalhekk forma ta' appell saret;

12. Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti u ghalkemm huwa risaput illi l-Qrati Kostituzzjonali jgawdu minn poteri vasti, huma l-awtortijajiet illi ghandhom jirritjenu d-diskrezzjoni abbazi tal-Ligi vigenti illi jaghtu o meno protezzjoni temporanja u kwindi r-raba u l-hamest talba huma improponibbli u m'ghandomx jintlaqghu;

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra taghhom."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Fit-2 ta' Frar 2016 ir-rikorrenti, l-omm u l-bint, applikaw għal protezzjoni internazzjonali f'Malta. Fid-9 ta' Frar 2016, il-Kummissarju għar-Refuġjati ta lir-rikorrenti *Temporary Humanitarian Protection.* Dan l-istatus għaż-żewġ rikorrenti baqa' jiġi mġedded kull sena meta fit-3 ta' Settembru 2021 inħarġu tlett ittri li huma identiċi mill-intimata Aġenzija li ġew notifikati lilhom fit-22 ta' Settembru 2021.

**2.** B'konsegwenza ta' dawn iż-żewġ ittri, l-istatus temporanju tagħhom ġie revokat bl-effett li anke r-residenza tagħhom ġiet revokata. Ir-rikorrenti jikkontendu illi dan ma setax isir għaliex iċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom ingħataw dan l-istatus ma kienx inbidel. Għidu ukoll li huma inkissrulhom id-drittijiet tagħhom għaliex qabel ir-revoka ma ingħatawx l-

opportunita' li jiddefendu l-posizzjoni tagħhom. Di piu, il-liġi tikser ukoll id-drittijiet tagħhom għaliex ma tagħtihomx dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-intimata Aġenzija. Di fatti huma interponew appell għal quddiem it-Tribunal appositu u dan għaliex il-liġi ma tippermettilhomx jappellaw (a' fol 35).

**3.** Illi għalhekk kellhom jagħmlu din il-proċedura biex iħarsu d-drittijiet tagħhom.

**Punti ta' Ligi**

**4.** L-azzjoni tar-rikorrenti hija kjarament diretta li timpunja l-kostituzzjonalita' o meno tal-artikolu 17A(2) tal-Kap 420 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

"*status jista' jiġi revokat, mitmum jew ma jiġix imġedded kull meta l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata ma jibqgħux jeżistu, jew jekk wara li tkun ingħatat protezzjoni umanitarja temporanja, il-benefiċjarju kien imissu jiġi jew ġie eskluż milli jkun eliġibbli għal protezzjoni umanitarja temporanja skont is-subartikolu (1):*

*Iżda l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa sabiex tiżgura li applikant jikkwalifika għall-protezzjoni umanitarja temporanja u li jkun għadu jissodisfa l-kriterji meħtieġa ta' eliġibbiltà:*

*Iżda wkoll l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tista' tirrevoka, ittemm jew tiċħad li ġġedded dan l-istatus meta jkun stabbilit li benefiċjarju ta' protezzjoni umanitarja temporanja ma kienx oriġinarjament issodisfa l-kriterji biex ikun eliġibbli għal dan l-istatus:*

*Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li tirrevoka, ittemm jew ma ġġeddidx protezzjoni umanitarja temporanja".*

**5.** Il-Qorti fehmet li r-rikorrenti qed jilmentaw minn dan l-artikolu li jmur kontra il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-artikoli 32(a) u 39(2) tal-Kostituzzjoni u di piu' ma hux konformi mal-artikolu 47 tal-Karta tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja li jiddisponi hekk:

"*Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.*

*Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law.*

*Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.*

*Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice".*

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ilment tal-Attriċi taħt kull wieħed mill-artikoli fuq imsemmija.

*Artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni.*

**7.** Rigward artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ikun utli li jiġu riprodotti l-artikolu inkwistjoni u kif ukoll artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni:

"*Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri -*

*(a) il-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi;*

*(b) il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika; u*

*(ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu, id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet*

*maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku." U*

*"46.(1) :*

*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet <u>tal-artikoli 33 sa 45</u> (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."* (Emfażi tal-Qorti).

**8.** Kien ikun biżżejjed għal din il-Qorti li tirreferi għal dak li jiddisponi l-artikolu 46(1) biex tikkonkludi li artikolu 32 per se tal-Kostituzzjoni ma jagħtix lok għall-azzjoni. L-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara, li azzjoni taħt Kapitolu erbgħa tista' issir biss fir-rigward tad-drittijiet elenkati minn artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura ma jinkludix artikolu 32. Iżda anke l-istess artikolu 32 jafferma dan, meta jagħmel referenza li l-protezzjoni tad-drittijiet li jelenka dan l-artikolu, il-protezzjoni testendi għad-"disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu."

**9.** Din dejjem kienet il-posizzjoni li ħadu dawn il-Qrati inkwantu jirrigwarda dan l-artikolu partikulari tal-Kostituzzjoni. Di fatti jgħallmu hekk:

"*Illi tenut kont ta` dan kollu u fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-intimat, jinghad fl-ewwel lok dwar l-applikabbilita' ta' l-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li r-rikorrenti qed tallega li dan l-artikolu jitkellem dwar ir-rispett ghall-hajja privata u familjari. F'dan il-kuntest jinghad li l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati f'dan ir-rigward fis-sens li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wiehed enforzabbli taht l-artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni li huwa l-artikolu li jaghti l-gurisdizzjoni lil din il-Qorti li tezamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan l-artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura t-talbiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt qed jigu michuda.*

*Illi dwar dan il-punt jinghad li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni gie dejjem interpretat bhala artikolu li jikkontjeni biss dikjarazzjoni ta' principji li minkejja li huma principji bazici u li ghandhom jigu segwiti ma kienux enforzabbli quddiem Qorti. Pero' d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza huma msemmija wkoll fl-artikolu 8 u jifformaw parti integrali mid-dritt sostantiv taghna fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. (Joseph Schembri vs Onorevoli Prim Ministru bhala Kap tal-Gvern ta' Malta et" – P.A (SK) - 25 ta' Jannar, 2002)".* (ara ukoll **Sentenza tal-**

**Prim Awla Qorti Ċivil [Sede Kostituzzjonali] tat-30 ta' Novembru, 2010, fl-ismijiet Joanne Cassar vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u L-Avukat Ġenerali**).

**10.** Dan ifisser, li l-ilment tal-esponenti fir-rigward ta' dan l-artikolu partikulari mhux ser ikun milqugħ. Għalhekk ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ilment taħt artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

*Id-dritt ta' Appell*

**11.** Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-artikolu 17A(2) fuq imsemmi iċaħħadhom mid-dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Aġenzija li bis-saħħa tagħha ġie irtirat l-istatus li kellhom.

**12.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-ilment. **Fis-Sentenza [Sede Kostituzzjonali] tal-1 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons** -vs- **L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et** din il-Qorti, kif presjeduta, kienet daħlet sewwa fid-dritt tal-appell inkwistjoni, iżda il-Qorti Kostituzzjonali irrevokatha għal kollox. Għalhekk din il-Qorti, minkejja li fis-sistema tagħna ma għandniex il-prinċipju ta' Kassazzjoni, ser tibqa' mat-tagħlim ta' dik is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Iżda apparti dan hemm ukoll is-segwenti argumenti li jsaħħu li qalet il-Qorti Kostituzzjonali.

**13.** F'dan ir-rigward jingħad li "*it should be noted that Article 6 does not guarantee a right to appeal from a decision of first instance*" (Ara

**Lalmahomed v. the Netherlands, 2011, § 35 ara ukoll Harris, Oboyle and Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, 4th Ed, pg 156**).

**14.** Pero' jekk l-Istat partikolari jipprovdi għal dritt ta' appell, allura l-prinċipji kollha ta' smiegħ xieraq għandhom ikunu osservati. Di fatti waħda mill-ftit jekk mhux unika, okkażjoni li taħt ir-reġim tal-liġijiet Maltin huwa ammissibbli appell hu dak ai termini tal-artikolu 56(6) tal-Kap 573 li pero' mhux applikabbli għall-każ odjern. Iżda tajjeb li jingħad li anke dan l-artikolu jippermetti appell fil-konfront tal-membri tal-Bord u mhux taċ-Chairman li huwa ġudikant.

**15.** Jiġi ukoll osservat, li l-uniku dritt ta' appell li tirrikonoxxi l-Konvenzjoni huwa dak taħt artikolu 2 tas-Sebgħa Protokoll li jiddisponi hekk:

*"(1) Kull min jinsab ħati ta' reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' ħtija jew dik is-sentenza jiġu rivisti minn tribunal ogħla. L-eserċizzju ta' dan id-dritt, inklużi r-raġunijiet abbażi ta' dak l-eserċizzju, għandhom ikunu regolati bil-liġi.*

*(2) Dan id-dritt jista' jkun suġġett għal eċċezzjonijiet dwar reati ta' xorta minuri, skont ma jkunu preskritti bil-liġi, jew f'każijiet li fihom il-persuna involuta tkun ġiet ipproċessata fl-ewwel istanza mill-ogħla tribunal jew tkun insabet ħatja wara appell kontra l-liberazzjoni."*

**16.** Dan ifisser li anke l-Konvenzjoni tammetti id-dritt ta' appell bħala dritt protett minn artikolu 6 li jirrigwarda l-appell minn kawżi kriminali biss u mhux minn dawk ċivili.

**17.** Bl-istess mod jagħmel Art 14 (5) tal-karta Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda meta tiddisponi li "*Everyone convicted of a crime shall have the right to his conviction and sentence being reviewed by a higher tribunal according to law*" (Emfażi tal-Qorti u sors **International Covenant on Civil and Political Rights Adopted and opened for signature, ratification and accession by General Assembly resolution 2200A (XXI) of 16 December 1966, entry into force 23 March 1976, in accordance with Article 4**).

**18.** Għalhekk dan id-dritt ta' appell f'materja ċivili u *multo magis* minn deċiżjonijiet ta' Tribunali kważi ġudizzjarji, ma jesistix bħala dritt bħal fil-kamp kriminali. Dak li garantit fil-kamp li mhux tal-liġi kriminali huwa li jkunu rispettati salvagwardji proċedurali li jaċċertaw smiegħ xieraq (it-test oġġettiv) u li l-ġudikant innifsu jkun integru u idoneju u ħieles minn kull parzjalita' u preġudizzji manifesti (it-test suġġettiv).

**19.** Għalhekk dan l-ilment ukoll ser ikun riġettat.

*L-artikolu 39(2) tal-*Kostituzzjoni

**20.** Ħafna minn dak li jingħad dwar artikolu 6 tal-Konvenzjoni mill-Qorti Ewropeja huwa applikabbli anke għal dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni. Iż-

żewġ artikoli fir-redazzjoni tagħhom, jekk mhux għal kollox, l-istess il-prinċipji involuti huma konsimili.  Anke dawn il-Qrati jużaw *mutatis mutandi* r-raġjonament tal-Qorti Ewropeja għall-esiġenzi tal-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni.

**21.** Anke f'dan ir-rigward, il-Qorti kif presjeduta, fis-Sentenza ta' Parsons fuq imsemmija, daħlet fil-fond tal-ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.  Il-każ ta' Parsons jixbaħ ħafna jekk mhux l-istess il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum.

**22.** In suċċint il-Qorti Kostituzzjonali osservat li "l-*proċess kollu – kemm quddiem l-Aġenzija u kemm quddiem it-Tribunal – huwa meqjus bħala proċess ma huwiex dwar determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew ta' akkużi kriminali, u għalhekk ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.*

*Essenzjalment l-argument tal-attriċi huwa msejjes fuq l-asserzjoni illi "applikazzjonijet għal status ta' ażil jiffiguraw bħala dritt ċivili", u illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal huma "proċeduri kontra tagħha", li ma huwiex il-każ".* (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et**).

**23.** Għalkemm din il-Qorti kif presjeduta temmen ħafna f'dak li qalet fl-ewwel Sentenza tagħha, tħossha obbligata li tibqa' mat-tagħlim tal-Qorti

Kostituzzjonali mhux biss minħabba ċ-ċertezza tal-ġudikati iżda ukoll ir-raġunament fih innifsu huwa san.

**24.** Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ksur tal-artikolu 39(2) dan l-ilment ukoll qiegħed ikun riġettat.

*L-artikolu 47 tat-Trattat Ewropew Tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

**25.** Fil-każ ta' **Parsons**, din il-Qorti kif presjeduta, kienet sabet li dan l-artikolu ma japplikax għall-każ bħal dak li għandha quddiemha llum. Imma wara li l-Qorti kellha opportunita' li taħseb fit-tul u tirriċerka l-prinċipji involuti, llum għandha dan x'tosserva.

**26.** Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

"*Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.*

*Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law.*

*Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented. Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice.*"

**27.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li dan it-Trattat huwa llum parti mil-liġijiet anke jekk il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmel ebda referenza għalih. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalkemm mhux inkorporati fil-leġislazzjoni domestika speċifika, huwa applikabbli u għandu effett fuq pajjiżna.

**28.** Jiġi wkoll ippreċiżat li permezz tal-artikolu 3 tal-Kap 460, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea torbot lil Malta u hija parti mil-liġi domestika nostrana. Dana ġie affermat mill-Qrati Maltin fis-**Sentenza fl-ismijiet Raymond Caruana vs L-Avukat Ġenerali deċiża fit-28 ta' Frar 2013** fejn ingħad hekk:

"*Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija u li l-Qrati Maltin iridu iqisu u jħaddnu bħal ma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett ..... it-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Karta jipprovdi li (1) Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta` u għall-Istati Membri wkoll <u>biss meta ikun qed jimplimentaw il-liġi tal-unjoni</u>.*

*Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati*." (Emfażi ta' din il-Qorti).

**29.** Għalhekk minn dan kollu jinsorġi li l-applikazzjoni u tħaddim ta' ksur ta' provvediment tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Qrati tagħna jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-raġunament huwa konformi ma dak li josservaw l-awturi fuq il-materja u cioe' li "*art. 47(1) concerns the obligation incumbent upon the Member States, as also enshrined in art. 19(1) TEU, to provide remedies sufficient to ensure effective legal protection <u>in the fields covered by Union law</u>. Hence, their domestic courts are part of the Union's judicial system."* (Emfażi tal-Qorti. Ara **H Van Harten '(Re)search and Discover: Shared Judicial Authority in the European Union Legal Order' (2014) Review of European Administrative Law 20**). Dan huwa ukoll garantit minn Art 19(1) tat-Trattat fejn jingħad li "*Member States shall provide remedies sufficient to ensure effective legal protection <u>in the fields covered by Union law</u>*".

**30.** Issa fil-każ ta' **Berlioz Investment Fund il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja Case C-682/15** kellha dan xi tgħid:

"*According to art. 47 of the Charter, entitled 'Right to an effective remedy and to a fair trial', everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal. The obligation imposed on the Member States in art. 19(1)(2) TEU, to provide remedies sufficient to ensure effective legal protection <u>in</u>*

*<u>the fields covered by Union law</u>, corresponds to that right (ara. 44*)". (Emfażi tal-Qorti).

**31.** Għalhekk fil-każ in eżami qatt ma jista' jkun hemm ksur tal-artikolu 47 tal-Karta għaliex għalkemm huwa minnu li bl-invokazzjoni tal-Kap 420 tesisti inċidenza ta' liġi Ewropeja u f'dan il-każ, id-Direttiva 2032/85 irid jiġi osservat is-segwenti:

Direttiva 2013/32/EU trid tinqara fid-dawl ta' dak li tiddisponi d-Direttiva 2011/95/EU li għaliha hemm referenza fl-ewwel direttiva. Skont artikolu 2 (ġ) tad-direttiva 2013/32/eu refuġjat tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95/UE. U skond dan l-artikolu ta' din id-direttiva *"refuġjat ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikat li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba dan il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'dan il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejha, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha".*

**32.** Skont artikolu 15 tad-direttiva 2011/95/EU biex persuna tkun intitolata għall-protezzjoni sussidjarja jrid ikun hemm dannu serju Dannu li jikkonsisti minn:

(a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew

(b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

(c) theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

**33.** Dawn iż-żewġ direttivi ġew trasposti fir-reġim legali lokali bis-saħħa tal-Avviż Legali 07.420 li jiddisponi hekk:

"*L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu:*

*(a) id-Direttiva* ***2013/32/UE*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni);*

*(b) id-Direttiva* ***2011/95/UE*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni);*

*(ċ) id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid)."* (Emfażi tal-Qorti)

**34.** Issa kif jirrisulta anke mir-rikors promotur, ir-raġuni li għaliha r-rikorrenti qed jitolbu l-istatus li kellhom huwa minħabba li huwa importanti għat-tifla minuri minħabba saħħitha għaliex li tibqa' hawn Malta jagħmlilha tajjeb minħabba l-klima favorevoli għaliha. Issa minn eżami tal-proċedimenti fuq imsemmija din ma hiex waħda mir-raġunijiet fuq imsemmija (ara a' fol 27).

**35.** Dan ifisser ukoll li kwantu għal dak li r-rikorrenti qegħdin għidu b'referenza għall-artikolu 22 tal-Kap 420 tal-liġijiet ta' Malta, isegwi, li minħabba r-raġunament fuq imsemmi, dan ma hux applikabbli għaliex ir-rikorrenti kif rajna ma jikkwalifikawx bħala refuġjati skont il-liġi. Di fatti Dr. Sarah Ezabe, konsulent legali għall-Aġenzija intimata tagħmel din l-osservazzjoni meta mistoqsija x'attitudni qed tieħu fil-konfront ta' refuġjati mill-Ukrajina:

"*It depends because there was a Council decision which was effected I believe after the 26th February which relates specifically to people who can prove that they left Ukraine, they were residing in Ukraine until the date issued by the Council decision, and those people given that they present the required documents they would be given temporary protection which is not the same protection that we were speaking about here,*

*because there is a difference between temporary humanitarian protection and temporary protection directive which regulates the current situation."* (a' fol 58 tergo).

**36.** Għalkemm ma hux wieħed mill-ilmenti tar-rikorrenti, din il-Qorti hija pjuttost preokkupata bil-fatt li jekk ir-rikorrenti ser jinbagħtu lura dawn ser ikollhom jmorru l-Ukraina. Jekk ma tridx iż-żewġ postijiet fejn hemm arja tajba huma Kharkov u Donestsk, fejn illum hemm il-gwerra. Għalhekk din il-Qorti tappella lill-intimati biex jirrikonsidraw id-deċiżjonijiet tagħhom anke minħabba dawn iċ-ċirkostanzi ta' gwerra (ara ittra a' fol 16).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**